# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Ġunju, 2018**

**Kawża Numru 21**

**Appell Numru 1145/06/1AF**

**EMMANUEL VELLA & SONS LIMITED (C – 17485)**

vs

**KONTROLLUR TAD-DWANA**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment li qiegħed jingħata wara talba ta' rikuża magħmula mill-avukat difensur tad-Direttur intimat appellanti waqt is-smigħ tal-5 ta' Ġunju, 2018, fil-konfront tal-imħallef Joseph R Micallef, bħala wieħed mill-imħallfin ta' din il-Qorti kif issa komposta, ladarba hu kien ta

sentenza f'kawża li skaturiet mill-istess inċident li huwa l-mertu tal-kawża li dwarha tressaq l-appell tal-lum[1];

***Ikkunsidrat:***

2. Illi l-Qorti tqis li t-talba magħmula mid-Direttur appellant tqanqlet fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 734(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi r-raġuni li l-appellant isemmi biex isejjes it-talba tiegħu għar-rikuża tal-imħallef imsemmi hi li l-istess imħallef kien ta sentenza dwar kwestjoni, bejn l-istess partijiet, li l-qafas fattwali tagħha huwa l-istess wieħed li jifforma l-mertu tal-kawża li dwarha tressaq l-appell li għandha quddiemha llum din il-Qorti;

4. Illi xieraq jingħad li l-kwestjoni tal-kawża tallum tirrigwarda talba magħmula mill-kumpannija appellata taħt l-artikolu 73 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-intimat Direttur appellant jirrilaxxa ħames (5) '*containers*' flimkien mal-kunsinna ta' zokkor ta' ġo fihom u li l-istess Direttur kien żamm ir-rilaxx tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-kawża l-oħra li l-appellant isemmi bħala raġuni ta' rikuża kienet tirrigwarda azzjoni tal-kumpannija appellata taħt l-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tikkontesta pretensjoni ta' ħlas ta' dazju magħmula f'att ġudizzjarju dwar konsenji ta' zokkor li ddaħħlu f'Malta fuq firxa ta' żmien għat-trasbord lejn pajjiżi oħrajn;

5. Illi l-liġi trid li "*Fil-każijiet li fihom il-qorti hija kostitwita b'iżjed minn imħallef wieħed, l-imħallfin kollha, u fosthom l-imħallef irrikużat, jiddeċiedu fuq l-eċċezzjoni tar-rikuża, u meta hemm dubju jekk ir-raġuni miġjuba għall-astensjoni hijiex tajba jew le, l-imħallfin kollha, fosthom l-imħallef li jkun ġieb dik ir-raġuni, jiddeċiedu fuq ir-raġuni ta' rikuża jew ta' astensjoni*"[2];

6. Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[3] u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu

[1] Rik. Nru. 249/08JRM li dwarha tressaq appell minnha wkoll quddiem din il-Qorti
[2] Art. 738(2) tal-Kap 12
[3] Art. 733 tal-Kap 12

bħala xierqa u f'posthom ("*conveniente*") tali astensjoni jew rikuża[4]. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[5] u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[6];

7. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.[7] U l-fatt waħdu li l-liġi nnifisha tagħti lil dak il-ġudikant is-setgħa li jqis jekk għandux jilqa' jew le talba biex jastjeni mis-smigħ ta' kawża ma ġġibx lil dak il-ġudikant daqslikieku sar waħda mill-partijiet fil-kawża;

8. Illi l-Qorti tagħraf ukoll li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn, minkejja li raġuni għall-astensjoni jew ir-rikuża ta' ġudikant ma tkunx taqa' taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-ġudikant li jkun ma jibqax jisma' kawża u dan biex jitħares tabilħaqq il-jedd ta' smigħ xieraq ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża li jkun hemm quddiemha;

9. Illi l-Qorti tagħraf u ma twarrabx b'ħeffa l-element tal-imparzjalita' suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża jistħoqqilha b'jedd tippretendi li jkun jimmanifesta ruħu. Madankollu, dan il-jedd ma għandux jinbidel f'għodda li bih parti f'kawża toħloq biżgħa li ma jkunx fondat jew okkażjoni biex wieħed jidħol f'sajda għall-ġudikant li tibdel il-proċess ġudizzjarju f'konkors għall-għażla ta' ġudikant favorit fuq ieħor u li jwassal għal dak li bnadi oħrajn huwa magħruf bħala "*forum shopping*". Dan jaf jissarraf f'abbuż tal-proċess ġudizzjarju taħt il-kappa tal-biżgħa tan-nuqqas ta' smigħ xieraq;

10. Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "*il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun* <u>*legalment*</u> *ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu*

[4] Ara, per eżempju, Kost. **18.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ċiappara) vs Joseph Lebrun***
[5] P.A. GV **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. John Gambina et vs Fithome Ltd***
[6] Kost. **27.9.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.i.40**)
[7] Kost. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Depasquale vs Avukat Ġenerali***

*konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli*"[8];

11. Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li għadhom kemm saru, din il-Qorti ma tqisx li t-talba tad-Direttur appellant imissha tintlaqa'. Dan qiegħed jingħad għal aktar minn raġuni waħda;

12. Illi, fl-ewwel lok, l-għan u l-proċedura tal-kawża li tinsab quddiem din il-Qorti llum u dik li dwarha l-appellant jitlob ir-rikuża tal-imsemmi mħallef huma għal kollox differenti u distinti minn xulxin u dak li kien mitlub mill-ewwel Qorti li tiddeċiedi f'din il-kawża u fl-oħra mhuwiex l-istess. B'mod partikolari, fil-kawża li dwarha l-appellant jitlob ir-rikuża tal-imħallef li ta s-sentenza, il-Qorti iddeċidiet biss dwar jekk il-kumpannija appellata kellhiex tkun hi li tħallas id-dazju mitlub minnu fuq il-konsenji taz-zokkor;

13. Illi, fit-tieni lok, f'din il-kawża l-interess li fadal fil-kwestjoni li dwarha tressaq l-appell jirrigwarda biss ir-rilaxx tal-ħames '*containers*', liema mertu ma kien jaqa' bl-ebda mod lanqas remotament fil-pretensjonijiet tal-ħlas ta' dazju magħmula fil-kawża l-oħra li kienu jirrigwardaw biss il-konsenji taz-zokkor;

14. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda:

**Tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża** u tordna li s-smigħ tal-kawża jitkompla quddiemha kif inhi komposta.

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph Azzopardi** | **Joseph R. Micallef** | **Tonio Mallia** |
| **Prim Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

**Deputat Reġistratur**

**mb**

[8] App. Krim. **15.11.2004** fil-kawża ***Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah***